# QORTI ĊIVILI
# (SEZZJONI FAMILJA)

## ONOR.IMHALLEF

## JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D., LL.M. (IMLI)

## Seduta ta' nhar il-Gimgha 24 ta' Mejju 2019

**Rikors Numru : 64/2019 JPG**

**Kawza Numru : 21**

**JG**

**vs**

**GG**

## Il-Qorti:

Rat ir-rikors guramentat ta' JG, datat 6 ta' Frar 2019, a fol 1 et seqq., li jaqra hekk :

1. *Illi l-partijiet izzewgu fis-Santwarju tal-Mellieha, nhar 22 t'April tas-sena elf disgha mija u sitta u sebghin (1976) liema zwieg gie registrat fir-Registru Pubbliku ta' Malta bin-numru progressiv 743/76 u dan kif jidher mill-kopja tac-certifikat taz-zwieg hawn anness u mmarkat bhala Dok. 'A' ;*

2. *Illi l-partijiet ilhom snin separati tant illi s-separazzjoni legali giet konkluza permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni personali fl-Atti tan-Nutar Dr Marco Burlo datat hamsa u ghoxrin ta' Lulju tas-sena elf disgha mija u sitta u disghin (25/07/1996) liema kuntratt hu hawn anness u mmarkat bhala Dok 'B'.*

3. *Illi minn dan iz-zwieg il-partijiet kellhom zewgt itfal u cioe' N li twieldet 18 ta' Dicembru 1977 u C li twieldet 29 Ottubru 1985 li ilhom huma ilkoll maggoreni ;*

4. *Illi ma hemmx l-ebda prospett ragonevoli ghar-rikonciljazzjoni bejn il-partijiet tant illi l-partijiet ilhom separati u ma jghixux flimkien ghal aktar minn erba' (4)*

*snin matul l-ahhar hames (5) snin precedenti dal-Umli Rikors u b'hekk jissodisfaw il-kriterja tal-artikolu 66B tal-Kap 16 tal-ligijiet ta' Malta.*

5. *Illi dwar manteniment xejn mhu dovut u l-esponenti jiddikjara ma hemm l-ebda manteniment dovut li jithallas lill-intimata u huwa lanqas ma jithallas manteniment minghand l-intimata ;*

6. *Illi dawn il-fatti hawn fuq imsemmija jissodisfaw il-kundizzjonijiet kollha mehtiega ghal ksib tad-divorzju skond l-artikolu 66B tal-Kodici Civili, Kap 16 tal-ligijiet ta' Malta.*

*Ghaldaqstant, u in vista tas-suespost, din l-Onorabbli Qorti qed tigi umilment mitluba sabiex :*

1. *Tippronunzja l-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u dan a tenur tal-artikolu 66A tal-Kap 16 tal-ligijiet ta' Malta;*

2. *Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fiz-zmien imholli ghal ghalhekk minn din l-Onorabbli Qorti, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet sabiex l-istess jigi rregistrat fir-Registru Pubbliku.*

Rat li l-atti tar-rikors promotur, d-digriet u tal-avviz tas-smiegh gew debitament notifikati skond il-ligi;

Rat ir-risposta ta' GG, datata 6 ta' Marzu 2019, a fol 13 li taqra hekk:

*Illi l-esponenti giet nnotifikata bl-atti tar-rikors fl-ismijiet premessi;*

*Illi l-esponenti tirrileva li ma ghandha l-ebda oggezzjoni ghal dina t-talba;*

*Illi l-kundizzjonijiet tal-kuntratt tas-separazzjoni ma jistghux jigu varjati hekk kif jidher mill-att ippublikat fl-atti tan-Nutar Dr. Marco Burlo' datat hamsa u ghoxrin (25) ta' Lulju tas-sena elf disgha mija sitta u disghin (1996) liema kuntratti gew pprezentati mar-rikors promotur;*

*Illi ma hemm ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet;*

*Illi m'hemmx arretrati ta' manteniment;*

*Illi l-esponenti titlob li permezz ta' dawna l-proceduri tirriverti ghal kunjomha xebba u cioe' 'M'.*

*Illi l-esponenti jitlob lil dina Onorabbli Qorti illi huwa ma jbaghtix l-ispejjez ta' dawna l-proceduri.*

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat id–dokumenti ezebiti u l-atti kollha tal-kawza;

Rat l-Artikoli 66A, 66B u 66C tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

**Ikkonsidrat;**

**JG** xehed illi l-partijiet izzewgu fit-22 t'April 1976 u kienu ottjenew s-separazzjoni legali fil-25 ta' Lulju 1996 permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni konsenswali. Xehed illi minn dan iz-zwieg il-partijiet kellhom zewgt itfal, li llum il-gurnata huma t-tnejn maggorenni. Xehed illi m'hemm l-ebda pendenzi ta' manteniment. Qal ukoll illi l-partijiet ilhom jghixu separatament aktar minn erba' snin, u li m'hemm l-ebda tama ta' rikonciljazzjoni.

**GG** xehdet *et seqq* u kkonfermat u kkoroborat ix-xhieda tar-rikorrent.

**Ikkonsidrat:**

Rat l-Artikoli 66A u 66B tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta:

***66A. (1) Kull wieħed u waħda mill-miżżewġin ikollu l-jedd illi jitlob id-divorzju jew il-ħall taż-żwieġ skont kif inhu maħsub f'dan is-Sub-Titolu. Ma jkunx meħtieg illi qabel ma jiġi mitlub id-divorzju, il-miżżewġin ikunu infirdu minn xulxin b'kuntratt jew b'sentenza. [...]***

***66B. Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet li ġejjin ta' dan l-artikolu, id-divorzju ma jistax jingħata ħlief b'talba ta' żewġ persuni miżżewġa flimkien jew ta' waħda minnhom kontra l-oħra, u sakemm il-qorti tkun sodisfatta li:***

***(a) fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-miżżewġin ikunu għexu mhux flimkien għal perjodu ta', jew perjodi li jammontaw għal, mill-inqas erba' snin matul il-ħames snin minnufih preċedenti, jew ikunu għaddew mill-inqas erba' snin mid-data tas-separazzjoni legali; u***

***(b) ma hemm l-ebda prospett raġonevoli għal rikonċiljazzjoni bejn il-miżżewġin; u***

***(ċ) il-miżżewġin u kull wild tagħhom qed jirċievu manteniment adegwat, fejn hu dovut, skont iċ-ċirkostanzi partikolari tagħhom, kif hemm maħsub fl-artikolu 57:***

***Iżda l-miżżewġin jistgħu f'kull żmien jirrinunzjaw għad-dritt tagħhom ta' manteniment: [...]***

**Ikkonsidrat:**

Jirrizulta sodisfacentement pprovat illi l-partijiet kienu zzewgu nhar 22 ta' April 1976, (Vide Dok. A a fol 5) u li minn dan iz-zwieg zewg ulied, llum maggorenni;

Gie stabbilit ukoll illi l-partijiet isseparaw legalment permezz ta kuntratt redatt min-Nutar Dottor Marco Burlo, datat 25 ta' Lulju 1996 (Vide Dok. B a fol 6 et seqq.) debitament awtorizzat mill-Qorti;

Di piu' m'hemmx pendenzi rigward hlas ta' manteniment bejn il-partijiet.

Il-Qorti tqis inoltre li ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet, u li l-partijiet ilhom jghixu separatament ghal aktar minn erba' snin.

Ghalhekk jirrizulta illi l-partijiet irnexxilhom jissodisfaw ir-rekwiziti kollha mehtiega mil-ligi

sabiex z-zwieg jigi mahlul.

**Ghal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar mill-llum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku, u tawtorizza lil GG sabiex tirriverti lura ghal kunjom xbubita, u cioe "M" u tordna li d-Direttur tar-Registru Pubbliku jigi notifikat sabiex jiehu l-azzjoni mehtiega.**

**L-ispejjez ghandhom jibqghu minghajr taxxa bejn il-partijiet.**

**Moqrija**

**Mhallef Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Lorraine Dalli**
**Deputat Registratur**